# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 26 ta' April, 2001**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 855/95 JF**

**John Galdes ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Galdes and Mamo Limited agenti f'Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' V.J. Salomone Limited. U b'nota tal-25 ta' April 2000 s-socjeta' Gasan Mamo**

**Insurance Agency Ltd. Assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Galdes and Mamo Insurance Agency Ltd.**

**vs**

1. **James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gollcher Company Limited agenti tas-socjeta' Andrew Weir Shipping Limited armaturi tal-vapur Zim Lisbon; u**
2. **James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gollcher Company Limited operaturi ta' bonded stores; u b'nota tal-25 ta' Settembru 1995 Michael Chetcuti assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Andrew Weir Shipping Ltd., armaturi tal-vapur Zim Lisbon u**

**ta' l-istess Gollcher Co. Ltd. Operaturi tal-Bonded Stores; u**

**3. Il-kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

U premess illi s-socjeta' V.J. Salomone Ltd. impurtat mill-Ingilterra zewg pallets b'disgha u ghoxrin (29) kartuna computer components li waslu Malta fuq il-vapur ZIM LISBON fit-18 ta' Gunju 1994 (Dok A);

U premess illi meta l-merkanzija giet konsenjata f'idejn is-socjeta' impurtatrici rrizulta li kien hemm in-nuqqas u hsara ndikati fl-ittra annessa Dok B u kif korroborat mid-dokument tad-Dwana anness Dok C;

U premess illi ghal dan in-nuqqas u hsara s-socjeta' assikuratrici kif obbligata sia bil-polza u sia bil-Ligi hallset is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm2,048) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha (Dok D);

U premess illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' impurtatrici.

Talab li ghalhekk li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq indikata.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm2,048) in linea ta' danni sofferti mis-socjeta' impurtatrici u li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lill-attur nomine, oltre interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-digriet tal-5 ta' Dicembru 1995 (fol. 19) in forza ta' liema gie ordnat l-isfilz tan-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, jigifieri kemm ta' Gollcher nomine fiz-zewg kwalitajiet taghhom, kif ukoll tal-Kontrollur tad-Dwana billi l-istess

noti jirrizulta li gewipprezentati tardivament, u ghalhekk il-konvenuti nomine kollha kellhom jigu kkunsidrati bhala li huma kontumaci;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li ghal kull fini il-Qorti tiddikjara li wara li qieset ir-rikors tal-Kontrollur tad-Dwana (a fol. 30 tal-process) datat is-16 ta' Frar 1998 sabiex din il-Qorti terga' tirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu dwar il-kontumacja u tammettih li jintroduci l-eccezzjonijiet tieghu, hija jidhrilha li tali talba bl-ebda mod m'hija gustifikata u mill-gdid tichadha;

Fil-meritu hemm provi bizzejjed li juru li filwaqt li s-socjeta' Gollcher Company Limited bhala agenti tas-socjeta' Andrew Weir Shipping Limited, armaturi tal-vapur "Zim Lisbon" irceviet zewg pallets "STC29 CTNS computer parts" – hekk ara Bill of Lading, Dok A, a fol. 5 tal-process – *"in apparent good order and condition"* – bla ebda rimarki, fl-istess waqt irrizulta li meta l-imsemmija "pallets" waslu ghand id-destinatarju taghhom, u cjoe' s-socjeta' V.J. Salomone Limited, instabu li parti mill-merkanzija kienet bin-nieqes u jew iddanneggjata – u dan ghal valur ta' elfejn u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm2,048). Jirrizulta di fatti li tali nuqqas / hsara giet ghall-ewwel darba riskontrata fil-mument tal-

hatt u rilaxx, fil-prezenza ta' ufficjal tad-Dwana, u dan qabel ma l-merkanzija giet stivata fil-bonds rispettivi. Fit-"tally sheet" li mtliet dak il-mument tal-"bonding" hemm indikat li l-merkanzija importata kellha nuqqasijiet u danni fiha. Minbarra dan, hemm ukoll il-"warehousing entry" – ara kopja, Dok C, a fol. 7 – kif ukoll ix-xhieda moghtija minn Saviour Chetcuti. Meta sar il-hatt u rilaxx jidher mela li l-"pallets" diga' kienu gew bin-nieqes jew danneggjati. Isegwi li kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' responsabbilta', la hemm xi htija attribwibbli lis-socjeta' Gollcher Company Limited bhala operaturi tal-"bonded stores" kif illum assunta mis-socjeta' Gasan Mamo Agency Ltd. skond nota tal-25 ta' April 2000, u lanqas lill-Kontrollur tad-Dwana. Irrizulta inoltre li s-socjeta' importatrici, assikurata ma' l-attur nomine, ghamlet "survey", segwit minn "claim" tad-danni sofferti minnha ghall-ammont reklamat bhala sorte f'din il-procedura, jigifieri Lm2,048, liema somma giet debitament saldata mill-attur nomine u per konsegwenza s-socjeta' assikurata importatrici ssurrogat lill-attur nomine fid-drittijiet taghha – hekk ara Dok D, a fol. 8 tal-process, ix-xhieda ta' George Agius, Shipping Manager ta' V.J. Salomone Limited (fol. 38 – 39 tal-process) u tal-"bond operator", Colin Micallef (fol. 40 – 42). Id-dokumenti a fol. 50 – 51 tal-process flimkien mad-depozizzjonijiet moghitjin mill-ufficjali tad-Dwana, Valhmor Cassar u Emanuel Bonici jkomplu jikkorroboraw l-istess konkluzjoni gja' espressa mill-Qorti;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, fil-kontumacja tas-socjetajiet konvenuti u tal-Kontrollur tad-Dwana, tilqa' t-talba attrici biss fil-konfront tas-socjeta' Gollcher Company Limited bhala agenti tas-socjeta' Andrew Weir Shipping Limited, armaturi tal-vapur Zim Lisbon; u tichad it-talba fil-konfront tal-konvenuti nomine l-ohrajn kollha bl-ispejjez relativi ghalihom a kariku tal-attur nomine; tilqa' ghalhekk it-tieni talba ghall-ammont mitlub kontra s-socjeta' Gollcher Company Limited bhala agenti tas-socjeta' Andrew Weir Shipping Limited u tikkundannaha ghalhekk thallas is-sorte lill-attur nomine, flimkien mal-kap ta' l-ispejjez, hlief l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-konvenjuti nomine l-ohrajn; bl-interessi legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv.

**ONOR IMHALLEF JOSEPH FILLETTI**

Deputat Registratur

md